MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2009

Numru 1209/2008

**Il-Pulizija
(Spettur Spiridione Zammit)**

**vs**

**Omissis**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputat omissis gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

Fix-xahar ta’ Ottubru 2008 f’ xi hin wara nofs inhar waqt li kien fil-Vodafone Outlet li jinsab fil-Pjazza Antoine De Paule, Rahal Gdid :-

1. Ikkommetta serq ta' *top up* tal-Vodafone ghal valur ta' 50 Euros liema serq hu ikkwalifikat bil-persuna u li sar ghad-detriment tal-kumpanija Vodafone.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 10 ta' Dicembru, 2008 (esebit *a folio* 6 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tat-30 ta' Jannar, 2009 l-imputat ddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fis-seduta tat-30 ta' Jannar, 2009 ghall-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u huwa nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputat, il-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessa.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fedina penali netta tal-imputat (esebita *a folio* 4 tal-process), l-fatt li huwa rrifonda l-ammont kollu lis-socjeta' derubata u l-fatt li l-imputat ghadu minorenni.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 261 u 268 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u b' applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommetix reat iehor sa zmien sena (1) millum.

In vista tal-fatt li l-imputat huwa minorenni, il-Qorti tordna d-divjiet tal-publikazzjoni ta' isem l-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------